MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2012

Numru 776/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**vs**
**David Joseph Gauci**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **David Joseph Gauci** ta’ 24 sena, bin Paul u Maria Theresa *nee’* Abela, mwieled Pieta’ nhar l-20 t’Awissu 1987 u residenti 86,, Triq San Frangisk Floriana u detentur tal-karta tal-identita’ numru 382487M;

Akkuzat talli fi Triq Abela Skolaro, l-Hamrun u fl-inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta’ Lulju 2012 ghall-habta tal-11:45am;

1. Ikkommettejt serq ta' accessorji tal-vettura/apparat ta' Hi-Fi minn go vettura Fiat Punto sewda bin-numru tar-registrazzjoni IBE 364 ghad-dannu ta' Raymond Cini u Graziella Cini, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkommettejt hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto sewda bin-numru tar-registrazzjoni IBE 364 ghad-dannu ta' Raymond Cini u Graziella Cini, liema hsara jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ai termini tal-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli rrendejt ruhek recediv b'sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata;

Rat l-artikoli 49 u 50, 261(c) u (g), 267, 271(g), 280(1) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-fedina penali refrettarja tal-imputat u rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni illi hija fil-pussess tar-refuritva mertu tal-kawza;

Tikkundanna ghall-piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum .

Tirrakomanda lid-Direttur FCC sabiex jaghti dik l-ghajnuna kollha mehtiega lill-hati sabies ifittix mezzi biex jirrabilita' ruhu mill-vizzju tad-droga.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-

procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------